MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2013

Talba Numru. 518/2011

**Vodafone Malta Ltd (C 10865)**

**vs**

**GT Shirts Ltd (C 7478)**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-AVVIZ is-socjeta' rikorrenti qed titlob minghand is-socjeta' konvenuta l-hlas ta' erba mitt Ewro wiehed u sittin centezmi (€400.61c) hlas ta' servizzi u prodotti provduti skond ftehim bejn il-kontendenti u dana skond id-Dok A

Is-socjeta' konvenuta ma hallsitx minkejja interpellazzjonijiet u minkejja ittra ufficjali skond art 166A tal-Kap 12 li giet kontestata.

**Ra** li fil-kontestazzjoni msemmija ntqal li l-kont ghandu jsejjah lil “certu” Jean Paul Testa u mhux lis-socjeta’ eccepjenti.

**Ra** l-verbal tal-udjenza tal-14 ta’ Ottubru 2011 fejn intalab zmien ghar-Risposta. Fir-RISPOSTA ntqal li l-ammont mitlub mhux dovut mis-Socjeta’ konvenuta u li l-kontijet jappartienu lil terzi.

**<u>II PROVI</u>**

1. Fl-udjenza tal-20 ta’ April 2012 gew esebiti, da parti tas-Socjeta’ attrici d-Dok A-O (busta *a fol* 18). Dawn huma hekk:-

Dok A – *sign up form* li permezz taghha ntalab is-servizz
Dok B-C – Rendikonti
Dok D-O – Kopji tal-fatturi relativi.

2. Fid-Dok A hemm Mr. Alfred Testa authorise GT Shirts Co Ltd to take over my mobile number 99499073 Sim Card Number 8935601199912327972. Hemm imbaghad *agreement*, bejn tlieta, datat 07.08.2007 bejn Jean Paul Testa ta’ 30B, Industrial Estate, Marsa, FT Shirts (C 7478) tal-istess indirizz u l-Vodafone.

F’dan l-“agreement” Jean Paul Testa qed icedi lill-kumpanija il-mobile number tieghu u dana riferibilment ghal servizzi provduti minn Vodafone. Mill-kontijiet jirrizulta li dawn jirrigwardjaw in-numru 99499073.

3. **<u>Alfred Testa</u>**, Direttur tas-socjeta’ konvenuta qal li l-kontijiet jirriferi ghan-numru 99825598. Jean Paul Testa ghandu l-mobile no imsemmi Skond Dok B (*a fol* 18) hu, fl-1.07.2010 ghalaq il-kont u hallas kollox. Dak li qed titlob is-socjeta’ attrici hu kont personali u mhux tal-kumpanija. Meta d-Direttur spicca u telaq ha n-nru tat-telefon mieghu. “Fiz-zmien tal-kuntratt Jean Paul Testa kien direttur tal-kumpanija u ghandi nifhem li kien awtorizzat jiffirma dokumenti ghall-kumpanija. Jiena dejjem nghid li l-kont kien ghalija personali u l-isem tal-kumpanija kienet hemm biex il-kontijiet imorru ghand il-kumpanija”.

## III KONSIDERAZZJONIJIET

It-TRIBUNAL iqis kif gej:-

1. Id-dok A, li hu Order Form igib il-firma ta’ Jean Paul Testa u jirrigwarda l-mobile no 99499023. Bhala *customer* hemm, f’ras il-formula GT Shirts Co Ltd u jirrizulta, mix-xhieda ta’ Alfred Testa, li dan kellu dritt jiffirma ghall-kumpanija li allura kienet **hi** il-kontraenti ma Vodafone. L-ammont li qed titlob is-Socjeta’ attrici hu muri dettaljatament fid-Dok B u dan is-socjeta’ attrici ghadha ma thallsitx tieghu. M’hemm ebda ricevuta li turi mod’iehor.

## IV KONKLUZZJONIJIET

In vista ta’ dak analizzat aktar ‘l fuq, it-TRIBUNAL jiddeciedi billi (1) jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta (2) jikkundanna lis-socjeta’ konvenut thallas lis-socjeta’ attrici il-quantum ta’ erba mitt Ewro wiehed u sittin centezmi (€400.61c) (3) fuq dak l-ammont jithallas mghax mill-1 ta’ Novembru 2010 (data tal-ittra ufficjali ai termini tal-Art 166A tal-Kap 12) sal-jum tal-pagament effettiv (4) jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas l-ispejjes tal-AVVIZ u dawk l-ohra mitluba fl-AVVIZ.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------